MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 114/2003

**Joanne Fenech**
**vs**

**Mario u Carmen konjugi Lagana**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attrici fl-20 ta' Jannar, 2003 fejn intalab il-hlas ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500.00), u fejn intqal:**
**Illi fil-25 ta' Lulju, 2002, sar kuntratt pubbliku quddiem in-Nutar Dottor Mario Bugeja fejn l-attrici xtrat minghand il-konvenuti d-dar numru sitta (6) bil-garage numru erbgha (4) flimkien bhala Casa Lagana, fi Trejqet G.B. Morton, San Pawl Tat-Targa, limiti tan-Naxxar, ghall-prezz ta' hamsin elf lira (Lm50,000.00);**
**Fiz-zmien li sar il-konvenju l-attrici spezzjonat il-fond flimkien mal-perit taghha, u deher li kien fi stat tajjeb, izda wara li xtrat din il-proprjeta` u marret biex tesegwixxi xoghol fuqu, sabet li kien hemm difetti**

**latenti, li biex jigu rrangati hemm bzonn ammont konsiderevoli ta' flus;**
**Ghalhekk hija trid tipprevalixxi ruhha mir-rimedju ta' l-actio aestimatoria, u titlob lit-Tribunal joghogbu jistabilixxi dik il-parti mill-prezz imhallas li ghandha tithallas lura lill-attrici ai termini ta' l-Artikolu 1427 tal-Kodici Civili, liema ammont l-attrici taqbel li m'ghandux jeccedi l-elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500.00);**
**Qed jintalbu wkoll l-ispejjez, l-imghaxijiet u li l-konvenuti jkunu ingunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fid-29 ta' Jannar, 2003, fejn gie eccepit:**
**1. Preliminarjament l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal sia rationae valoris u rationae materiae u kif ukoll stante li mhux il-forum adattat;**
**2. Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, in-nullita ta' l-azzjoni attrici stante li ma jezistux l-estremi kontemplati mill-Ligi ghall-azzjoni intentata mill-attrici;**
**3. Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fil-meritu it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma hemm assolutament ebda difett latenti fil-fond in kwistjoni;**
**4. Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit dato ma non concesso li l-eccezzjonijiet ta' qabel ma jirnexxux, l-ammont mitlub mill-attrici huwa esagerat.**

**Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici.**

**Semgha lill-partijiet jittrattaw l-ewwel eccezzjoni.**

**Ikkunsidra**
**1. Illi l-kaz prezenti l-attrici qed titlob lura dak l-ammont rezultanti minn difetti latenti konsegwenti ghall-bejgh tal-fond Casa Lagana, fi trejqet G.B Morton, San Pawl Tat-Targa.**
**2. Il-konvenuti qed jeccepixxu l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal ratione valoris u ratione materiae.**

**3. Huwa minnu li l-kompetenza ta' dan it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar hija sa elf u hames mitt liri. Pero` f'dan il-kaz ma hemmx dubbju li biex jasal ghal dak l-ammont it-Tribunal necessarjament ser ikun qed jinvestiga l-bejgh intier fit-totalita` tieghu, haga li definitivament taqa' barra l-kompetenza tieghu. Ghalhekk it-Tribunal iqies l-eccezzjoni sollevata dwar l-inkompetenza tat-Tribunal gustifikata.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti, u jiddikjara ruhu mhux kompetenti, sija ratione valoris sija ratione materiae, sabiex jiehu konjizzjoni tal-kaz kif propost.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-attrici skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------